



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.7.2015
COM(2015) 335 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**Rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-
UE fl-2014**

I. DAĦLA

Fid-dawl tal-għadd dejjem jikber ta' diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem fid-dinja matul dawn l-aħħar snin, l-organizzazzjonijiet umanitarji jeħtieġu l-appoġġ ta' aktar persuni ppreparati sew għall-ghajjnuna li jagħtu lill-komunitajiet milquta minn diżastri. Kif previst mit-Trattat ta' Lisbona¹, l-Unjoni Ewropea stabbiliet l-inizjattiva Voluntiera tal-Għajjnuna tal-UE. L-għan huwa li jingħata kontribut għat-tisħiħ tal-kapaċità tal-Unjoni biex tipprovdi għajjnuna umanitarja bbażata fuq il-ħtiġijiet u għat-tisħiħ tal-kapaċità u r-reżiljenza ta' komunitajiet vulnerabbli jew milquta minn diżastri f'pajjiżi terzi, filwaqt li ċ-ċittadini Ewropej jingħataw l-opportunità li jkunu involuti f'azzjoni umanitarja f'pajjiżi terzi u b'hekk juru solidarjetà ma' daww fil-bżonn.

Il-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 375/2014 li jistabbilixxi l-inizjattiva Voluntiera tal-Għajjnuna tal-UE² jirrikjedi li l-Kummissjoni tippreżenta rapporti annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jeżaminaw il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Rapport Annwali jiddeskrivi l-attivitajiet u l-kisbiet ewlenin fl-implimentazzjoni tal-inizjattiva Voluntiera tal-Għajjnuna tal-UE fl-2014 filwaqt li jikkunsidra l-ispeċifità tal-ewwel sena, li kienet iddedikata għall-adozzjoni tal-atti legali indispensabbli li jfasslu l-passi li jmiss fl-implimentazzjoni tal-inizjattiva Voluntiera tal-Għajjnuna tal-UE.

II ATTIVITAJIET PREPARATORJI

1. AZZZJONI PILOTA

L-inizjattiva Voluntiera tal-Għajjnuna tal-UE għandha bażi soda fl-azzjoni pilota li saret bejn l-2011 u l-2014 fi tliet fażijiet u li kellha l-għan li tiggwida l-istabbiliment tal-inizjattiva u tinforma l-iżvilupp ta' standards u sistemi fir-rigward ta' dimensjonijiet speċifiċi (taħriġ, mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni, l-użu, il-bażi tad-dejta) tal-inizjattiva Voluntiera tal-Għajjnuna tal-UE. Tnax-il proġett pilota kienu ffinanzjati taħt l-azzjoni u permezz ta' dawn madwar 300 voluntier tqassmu f'49 pajjiż terz.

L-azzjoni pilota tal-Voluntiera tal-Għajjnuna tal-UE³ rriżultat effettiva biex jiġu ttestjati mudelli jew metodi differenti għall-implimentazzjoni tad-dimensjonijiet distinti tal-inizjattiva Voluntiera tal-Għajjnuna tal-UE. It-tagħlimiet alimentaw l-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni u tal-att ta' implimentazzjoni u delegat u ser jippermettu li jkun hemm tranżizzjoni bla xkiel għall-iskjerament tal-Voluntiera tal-Għajjnuna tal-UE skont ir-Regolament (UE) Nru 375/2014.

¹ L-Artikolu 214(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea: "Sabiex jiġi stabbilit qafas għal kontribuzzjonijiet konġunti minn żgħażaġh Ewropej għall-azzjonijiet ta' għajjnuna umanitarja tal-Unjoni, għandu jkun stabbilit Korp Volontarju Ewropew ta' Għajjnuna Umanitarja. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu permezz ta' regolamenti skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, għandhom jistabbilixxu r-regoli u l-proċeduri għall-funzjonament ta' dan il-Korp."

² Ir-Regolament (UE) Nru 375/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajjnuna Umanitarja ("l-Inizjattiva Voluntiera tal-Għajjnuna tal-UE")(ĠU L 122, 24.4.2014, p. 1)

³ L-azzjoni pilota ġiet evalwata minn evalwatur indipendenti:
http://ec.europa.eu/echo/files/evaluation/2014/pilot_project_euaidvolunteers_final_report_en.pdf

Barra minn hekk, kompitu ewlieni tal-evalwazzjoni kien ukoll li jiġi żviluppat u propost qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni li jikkontribwixxi għall-valutazzjoni regolari tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva.

2. IL-VALUTAZZJONI TAL-ĦTIĠIJIET

Minħabba d-dimensjoni qawwija abbażi ta' ħtiġijiet ta' din l-inizjattiva ġdida, il-Kummissjoni qed tibni attivament il-bażi għall-iżvilupp ta' qafas ta' valutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-“inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE”. Għal dan l-għan, intużaw diversi metodi: studju komprensiv dwar il-ħtiġijiet attwali għal voluntiera⁴; workshop ma' grupp wiesa' ta' esperti u prattikanti biex jiġu esplorati diversi proċessi metodoloġiċi dwar kif il-ħtiġijiet jistgħu jiġu analizzati kull sena u permezz tal-evalwazzjoni tal-azzjonijiet pilota. Dan il-qafas ser jippermetti li l-ħtiġijiet li għandhom jiġu koperti mill-azzjonijiet taħt l-inizjattiva jkunu vvalutati fuq bażi annwali. Il-metodoloġija ta' valutazzjonijiet abbażi ta' ħtiġijiet hija simili għal dik tal-azzjonijiet ta' għajnuna umanitarja li tikkunsidra l-ispeċifità tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE u teskludi *ex-ante* ż-żoni fejn hemm kunflitti armati u fejn il-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE ma għandhomx jintbagħtu. Dan jippermetti għal approċċ imfassal apposta filwaqt li jiżgura l-aħjar koerenza u komplementarjetà ma' deċiżjonijiet dinjija tal-UE dwar l-għajnuna umanitarja.

III. L-ADOZZJONI TAL-LEĠIŻLAZZJONI

Il-kisba ewlenija fl-2014 kienet l-adozzjoni tal-pakkett leġislattiv kollu li pprovda l-bażi ġuridika għall-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE, permezz tal-istabbiliment tar-regoli għall-implimentazzjoni tiegħu u l-istabbiliment tal-istandards rilevanti.

Ir-Regolament li jstabbilixxi l-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE ġie adottat fit-3 ta' April 2014, u jstabbilixxi qafas għal kontribuzzjoni konġunta minn voluntiera tal-UE biex jagħtu appoġġ u jikkomplementaw l-għajnuna umanitarja f'pajjiżi terzi. Il-programm se joffri opportunitajiet għal 18 000 persuna biex jivvoluntarjaw għal operazzjonijiet umanitarji mad-dinja kollha sal-2020, inklużi l-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE, voluntiera onlajn u persuni lokali li jibbenefikaw minn bini ta' kapaċità. L-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE hija miftuħa għal varjetà ta' profili professjonali - minn żgħażaġħ sa esperti umanitarji stabbiliti - biex jgħinu jintlaħqu l-ħtiġijiet umanitarji tal-aktar persuni vulnerabbli. L-UE ser tiżgura li l-parteċipanti jintbagħtu fejn il-ħiliet tagħhom huma l-aktar meħtieġa u tiżgura li dawn jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-volontarjat lokali.

Att delegat⁵ u att ta' implimentazzjoni⁶ ġew adottati u daħlu fis-seħħ fi tmiem l-2014. Kif previst fir-Regolament, dawn l-atti stabbilixxew standards għoljin u proċeduri fir-rigward taç-

⁴ http://ec.europa.eu/echo/files/euaidvolunteers/EUAV_Study_Needs_Assessment_en.pdf

⁵ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1398/2014 tal-24 ta' Ottubru 2014 li jstabbilixxi standards u proċeduri dwar il-voluntiera kandidati u l-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE (ĠU L 373, 31.12.2014, p. 8).

ċertifikazzjoni tal-organizzazzjonijiet mittenti u ospitanti kif ukoll is-selezzjoni, it-taħriġ u l-mobilizzazzjoni tal-voluntiera.

Il-Kummissjoni adottat l-ewwel programm ta' ħidma annwali tal-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE fis-16 ta' Ġunju 2014⁷. Il-baġit għall-implimentazzjoni tal-inizjattiva fl-2014 kien stabbilit għal EUR 12 148 000 bil-għan li jipprovdi assistenza teknika għall-organizzazzjonijiet emittenti prospettivi biex jippreparaw għaċ-ċertifikazzjoni; il-bini tal-kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet ospitanti prospettivi minn pajjiżi terzi u li jixtiequ jipparteċipaw fl-inizjattiva; it-tnedija tal-proċess ta' ċertifikazzjoni għall-organizzazzjonijiet emittenti u daww ospitanti; l-iżvilupp tal-ambjent tekniku għall-miżuri ta' appoġġ relatati kollha, it-tnedija ta' kuntratt ta' assigurazzjoni li jiżgura kopertura ta' assigurazzjoni għall-perjodu 2015-2020.

IV. DELEGAZZJONI TA' KOMPITI LILL-EACEA

Kif previst fir-Regolament (UE) Nru 375/2014, il-Kummissjoni hija inkarigata bl-implimentazzjoni tal-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE u ddelegat ċerti kompiti lill-Aġenzija għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA). L-EACEA hija aġenzija eżekuttiva responsabbli għall-implimentazzjoni tal-aspetti tekniċi tal-programmi tal-UE permezz ta' sejħiet għal proposti, sejħiet għall-offerti u l-ġestjoni tal-kuntratti sussegwenti u għall-implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet korrispondenti tal-baġit⁸. Dan jissarraf fi Programmi ta' Ħidma Annwali adottati mid-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li jistabbilixxu l-prioritajiet u l-azzjonijiet għal kull sena, u li huma l-bażi għal sejħiet għal proposti u għall-offerti mmexxija mill-EACEA. F'termini ta' ġestjoni operattiva, il-Kummissjoni permezz tad-DĠ prinċipali ECHO (Għajnuna Umanitarja u Protezzjoni Ċivili) tibqa' direttament responsabbli biex jiġi stabbilit Netwerk tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE, il-pjattaforma onlajn ċentrali li trid tiġi żviluppata matul l-2015 u l-komunikazzjoni. Il-modalitajiet u l-proċeduri ta' interazzjoni huma rregolati permezz ta' Memoranda ta' Ftehim bejn id-DĠ ECHO u l-EACEA.

V. ATTIVITAJIET IMPLIMENTATI FL-2014

Fil-31 ta' Diċembru 2014 ġiet ippubblikata sejħa miftuħa għall-offerti għal assigurazzjoni bil-għan li jiġi żgurat li l-voluntiera li jipparteċipaw fl-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE jkunu koperti minn pjan tal-assigurazzjoni komplet imfassal speċifikament biex jipproteġhom matul il-perjodu kollu tal-mobilizzazzjoni tagħhom (Azzjoni 3 taħt il-Programm ta' Ħidma Annwali 2014).

⁶ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1244/2014 tal-20 ta' Novembru 2014 li jistabilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 375/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Korp Volontarju Ewropew tal-Għajnuna Umanitarja ("l-Inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE") (ĠU L 334, 21.11.2014, p. 52).

⁷ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2014)3872 tas-16.6.2014 dwar l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma għall- 2014 u l-finanzjament għall-implimentazzjoni tal-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE.

⁸ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013)9189 tat-18.12.2013 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni ta' programmi tal-Unjoni fil-qasam tal-edukazzjoni, l-awdjoviżiv u l-kultura li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni u tal-allokkazzjonijiet tal-FEŻ (kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 658 tat-12.2.2015).

L-azzjonijiet kollha meħtieġa ġew implimentati sabiex jiżguraw il-pubblikazzjoni ta' sejħa għal proposti għal assistenza teknika għall-organizzazzjonijiet emittenti u l-bini tal-kapaċità għall-għajnuna umanitarja tal-organizzazzjonijiet ospitanti (Azzjoni 1) u ta' sejħa għal applikazzjonijiet għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet emittenti u daww ospitanti li jixtiequ jipparteċipaw fl-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE (Azzjoni 2) kmieni fl-2015⁹.

L-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE tipprovdi opportunità addizzjonali biex jiġi enfasizzat il-valur u l-impatt tal-volontarjat u tintwera fl-azzjoni s-solidarjetà tal-UE ma' komunitajiet f'pajjiżi milquta minn diżastru. Miżuri ta' appoġġ għal netwerking u komunikazzjoni (Azzjoni 4) għandhom l-għan li jissensibilizzaw, jinkoraġġixxu l-parteeipazzjoni, joħlqu opportunitajiet ġodda għall-parteeipazzjoni u jappoġġjaw netwerking bejn il-parteeipanti. Fl-2014 is-servizzi tal-Kummissjoni u l-EACEA organizzaw Jum l-Infommazzjoni u n-Netwerking li sar f'Jannar 2015. L-għan ta' dan l-avveniment pubbliku kien li jispjega lis-sħab futuri - organizzazzjonijiet implimentattivi - l-opportunitajiet li hemm fl-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE u biex iniedi l-ewwel attivitajiet tal-inizjattiva (is-sejħa għal proposti għal assistenza teknika u l-bini tal-kapaċità u s-sejħa għal applikazzjonijiet għaċ-ċertifikazzjoni tal-organizzazzjonijiet emittenti u ospitanti).

Il-paġna web għal Voluntiera tal-għajnuna tal-UE fuq il-websajt tad-DĠ ECHO¹⁰ se tkompli tippubblika infommazzjoni dwar l-inizjattiva u prodotti ta' komunikazzjoni bħalma huma blogs minn voluntiera, artikli u vidjows. Pjattaforma dwar l-inizjattiva se tipprovdi infommazzjoni addizzjonali għall-voluntiera u l-organizzazzjonijiet parteeipanti, spazju ta' ġġwidar għall-voluntiera, attivitajiet ta' volontarjat onlajn u opportunitajiet ta' netwerking kemm għall-voluntiera kif ukoll għall-organizzazzjonijiet. Attivitajiet speċifiċi previsti għall-2015 jinkludu konferenza biex l-esperjenzi tal-fażi pilota jinbnew lejn il-fażijiet li jmiss tal-inizjattiva, l-iżvilupp tal-pjattaforma u avveniment ta' tnedija.

Ir-riżultati ta' dawn l-attivitajiet taħt l-azzjonijiet tal-Programm Annwali ta' Ħidma se jiġu ppreżentati fir-rapport annwali li jmiss.

VI. KONKLUŻJONIJIET U ĦARSA 'L QUDDIEM

Is-sena 2014 kienet waħda importanti ħafna għall-inizjattiva Ewropea Voluntiera tal-Għajnuna hekk kif ġiet adottata l-bażi ġuridika u segwew l-attivitajiet amministrattivi u organizzattivi biex b'hekk inħolqu pedamenti sodi u kundizzjonijiet favorevoli biex l-inizjattiva tiġi stabbilita u tikber. Minħabba l-ħtieġa li jiġu adottati atti ta' implimentazzjoni u ddelegati, l-2014 kienet prinċipalment sena ta' miżuri leġiżlattivi u preparatorji. Is-sena 2014

⁹ http://eacea.ec.europa.eu/eu-aid-volunteers_en

¹⁰ http://ec.europa.eu/echo/what/humanitarian-aid/eu-aid-volunteers_en

immarkat ukoll l-implimentazzjoni tas-sena finali tal-azzjoni pilota u pprovdiet il-lezzjonijiet ewlenin diġà integrati fl-azzjonijiet ġenerali tal-leġislazzjoni.

L-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE tinsab fi triqtha biex tilħaq l-oġġettivi pluriennali tagħha. L-azzjonijiet kollha ġew ippreparati sabiex jingħataw bidu fl-2015 wara l-adozzjoni msemmija hawn fuq tal-atti legali: iċ-ċertifikazzjoni tal-organizzazzjonijiet mittenti u ospitanti li jixtiequ jipparteċipaw fl-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE; il-bini tal-kapaċità tal-organizzazzjonijiet ospitanti u l-assistenza teknika għall-organizzazzjonijiet emittenti; skema ta' assigurazzjoni komprensiva għall-voluntiera; it-taħriġ ta' qabel l-iskjerament għall-voluntiera kollha; l-iskjerament tal-voluntiera minn organizzazzjonijiet iċċertifikati. L-ewwel postijiet battala għall-voluntiera se jsiru disponibbli kmieni fl-2016.

Il-Kummissjoni se tkompli tippromwovi l-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE u tinvesti f'komunikazzjoni siewja biex titqajjem kuxjenza u jinġabru l-lezzjonijiet mitgħallma. Għadd ta' attivitajiet huma ppjanati li jsejtnu, fosthom konferenza biex timmarka l-għeluq tal-azzjonijiet preparatorji bir-ritorn ta' voluntiera mill-fażi finali tal-proġetti pilota u avveniment b'viżibbiltà għolja biex tiġi varata l-fażi tal-iskjerament tal-voluntiera.

Aktar informazzjoni dwar l-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE ssibha fl-indirizz li ġej:

http://ec.europa.eu/echo/what/humanitarian-aid/eu-aid-volunteers_en